# Il-Lunetti tar-Rotunda
# Ġieħ lill-Artist Giuseppe Calì

*(1846 - 1930)*



**minn Dr. Sandro VELLA**
**M.D., A.T.C.L., L.T.C.L., L.R.S.M.**
*(ritratti: Joseph A. Vella FRPS, EFIAP, ES, FIAP)*

**Sewwasew** fil-bidu tas-seklu għoxrin, madwar erbgħin sena minn tmiem il-bini tagħha, ir-Rotunda tal-Mosta, ġojjell arkitettoniku ta' Grognet, kompliet tistagħna bi tmien opri kbar ta' l-arti - xhieda tal-ħila ta' l-artist li pittirhom u espressjoni dejjiema tar-reliġjożità ta' missirijietna. F'egħluq il-mitt sena mit-twettiq ta' din il-biċċa xogħol, jixraq li nagħtu ħarsa lejn il-protagonisti ta' dan il-proġett, iż-żmien li fih twettaq, kif ukoll tar-rilevanza tiegħu fl-istorja rikka ta' l-arti sagra Maltija. Nittama li b'hekk inkunu mhux biss qegħdin inwettqu ġustizzja ma' l-antenati tagħna, iżda wkoll ngħinu biex tinqered il-bruda artistika fost il-poplu tagħna, bruda li, b'xorti ħażina, fil-passat imbiegħed u riċenti, wasslet għal ħsara jew saħansitra qerda ta' monumenti diversi, x'uħud imprezzabbli.

## Il-Pittur

Giuseppe Calì twieled f'dar fi Pjazza Celsi (illum Pjazza Indipendenza), il-Belt Valletta lejliet l-Għid ta' l-Assunta, 1846, minn Raffaele u Giovanna Calì. Tgħammed fil-parroċċa ta' Portu Salvu ta' l-istess belt. Il-ġenituri tiegħu kien ilhom biss sitt snin li ġew joqgħodu Malta minn Napli. Kienu ħallew pajjiżhom minħabba inkwiet politiku. Missieru kien mużiċista u ommu kienet mezzo-sopran. F'Malta t-tnejn sabu impjieg fit-Teatru Manoel. Calì kien ġej minn familja artistika għall-aħħar.



*Giuseppe Calì*

L-iżgħar fost tmien aħwa, it-tfajjel Giuseppe ntbagħat l-iskola elementari tal-Gvern fil-Belt Valletta. Tħarreġ sewwa fit-Taljan, iżda mill-bqija, ftit għamel suċċess akkademiku. Ommu tagħtu xi lezzjonijiet tal-pjanu u t-tifel baqa' miġbud lejn il-mużika tul ħajtu kollha. Jingħad li spiss kien iqatta' l-ħin liberu tiegħu jdoqq. Giuseppe Calì kien saħansitra membru tal-Banda 'Vincitrice', illum magħrufa bħala l-Banda 'King's Own' ta' belt twelidu.

Sa minn ċkunitu, iżda, l-akbar talenti tiegħu kienu fil-qasam tat-tpinġija. Jidher li b'xorti tajba, Guglielmo Eynaud, negozjant għani Malti, intebaħ bil-kapaċitajiet straordinarji tat-tifel meta waqaf jammira tpinġija ta' qattus ta' waħda mill-ġirien, li Calì kien pinġa b'biċċa ġebla fuq ħajt. Mill-ewwel offra li jibgħatu Ruma minn butu, jitħarreġ fl-arti ma' l-aqwa artisti ta' dak iż-żmien. Minflok, ta' dsatax-il sena, tela' jitħarreġ Napli (forsi għaliex hemmhekk kienu jgħixu xi qraba). Dam biss sentejn, minħabba raġunijiet




*Il-lunetta tal-"Qawmien mill-Mewt" ...*



*... u tan-"Nativitá"*

familjari u s-sitwazzjoni politika fl-Italja dak iż-żmien. Madankollu, dawk is-sentejn kienu swewh ħafna biex jiżviluppa t-talenti tiegħu. Kien xorob sewwa minn nixxiegħa artistika ta' pajjiż għani wisq fil-qasam ta' l-arti, kif jixhdu xi xogħlijiet li ġab lura miegħu. Dlonk beda jistabblixxi ruħu f'art twelidu bħala pittur żgħir fl-età, iżda kbir fil-maturità u talent artistiku.

## Il-Proġett Joħloq Il-Kontroversji

Kien sewwasew fl-1900, tul il-pontifikat tal-Papa Ljun XIII, l-episkopat ta' l-Isqof Pietru Pace, u l-parrokat ta' l-arċipriet Dun Ġwann Sarreo li ngħata bidu għall-pittura tal-lunetti. Il-prokuraturi tar-Rotunda dak iż-żmien kienu, Dun Ġużeppi Grech u l-maħbub u qatt minsi saċerdot Żabbari, Dun Anġ Camilleri. Dan ta' l-aħħar kien il-moħħ wara diversi opri kbar li jżejnu r-Rotunda. Il-fondi għall-pittura tal-lunetti ta' taħt il-koppla majestuża ta' Grognet ġew imħollija b'wirt mill-ewwel arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Xuereb DD u amministrati mill-imsemmi Dun Anġ Camilleri. Dan ta' l-aħħar fittex li jilħaq ftehim ma' l-artist Giuseppe Calì, li kien diġa' wera l-ħila kbira tiegħu b'diversi xogħlijiet fir-Rotunda. Kien propju fiha li welled il-karriera tiegħu fil-qasam ta' l-arti sagra tletin sena qabel, permezz tal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju. Kien diġa' pitter ukoll l-Inkurunazzjoni tal-Verġni Marija fl-abside tal-kor fl-1880, barra xi pittura għall-artali laterali.[1]

Jidher li mill-bidu, dan il-proġett (bħal fil-każ ta' ħafna proġetti fir-Rotunda, u tar-Rotunda nnifisha) ħoloq ħafna kontroversji. Kif kien ser jibda x-xogħol, l-eredi ta' l-arċipriet Xuereb fetħu kawża u talbu deċiżjoni dwar jekk il-pittura kellhiex, wara kollox, issir. Dun Anġ Camilleri u s-saċerdot Pietro Magri DD ħabirku ħafna favur dan il-proġett, u bl-għajnuna tad-difiża ta' l-avukat Mosti, Oreste Grech, il-kawża ntrebħet mill-Knisja tal-Mosta.

Dlonk qamet kwistjoni oħra. Il-pittur Calì ma riedx ipitter anġli kbar ma' tul l-għoli tal-lunetti, kif kien issuġġerixxa l-arkitett Grognet fil-pjanti tiegħu. Xtaq iżda li jpitter xeni li jirrappreżentaw stadji importanti mill-ħajja ta' Sidna Ġesu' Kristu, kif ukoll rappreżentazzjonijiet tal-Profeti tar-Rabta l-Qadima. L-Isqof Mons. Pietru Pace ndaħal f'din il-kwistjoni, u f'digriet li jġib id-data tad-09 ta' Jannar 1900, qatagħha favur Calì.

Biex jilħaq l-iskop artistiku tiegħu, Calì ħoloq gwarniċun li jaqsam l-ispazju enormi għad-dispożizzjoni tiegħu fi tnejn, kif naraw illum. Jidher li anki hawn, Calì sab diffikultajiet. Qamet il-mistoqsija jekk dan id-disinn kienx jixraq lir-Rotunda. L-Isqof ħatar xi periti biex jagħtuh parir u dawn qablu mal-proposta tal-pittur. L-idea ta' Calì jidher li ġiet imfaħħra wisq mill-għadd ta' Kardinali u awtoritajiet oħra ċivili u ekkleżjastiċi li ammiraw ix-xogħol tal-pittur waqt il-laqgħa memorabbli tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li tlaqqa' fir-Rotunda f'April ta' l-1913.

Din l-aħħar kwistjoni swiet lill-Knisja s-somma ta' Lm15, somma li tħallset mill-prokuraturi Dun Anġ Camilleri u Dun Giuseppe Grech fil-21 ta' Jannar 1901 mill-qliegħ li baqa' wara li tħallsu l-ispejjeż tas-siġġijiet tal-Knisja.

## Jibda x-Xogħol

B'hekk seta' jingħata bidu għat-twettiq tal-pittura tal-lunetti mill-artist. Calì għażel li jpitter b'żebgħa taż-żejt dirett fuq il-ġebla, mingħajr l-użu ta' tila. Kienet teknika kemmxejn mhux tas-soltu fil-knejjes tagħna, għad illi Calì nnifsu kien diġa' pitter b'dan il-mod f'imkejjen oħra, bħal ngħidu aħna, fil-kappella tal-Kurċifiss tal-Kolleġġjata tal-Kunċizzjoni f'Bormla.[2]

Iċ-ċiklu tal-ħajja ta' Kristu jibda u jintemm kif jixraq fuq l-artal maġġur, iċ-ċentru taċ-ċelebrazzjoni tal-kult f'kull maqdes nisrani, u jdur madwar ir-Rotunda f'ċirku kontra l-arloġġ (*counter-clockwise*). Fl-ewwel pittura taċ-ċiklu, l-artist, b'ħila kbira, mill-ewwel jistabbilixxi relazzjoni bejn ix-xena ta' fuq, u l-figura tal-profeti ta' taħt, billi jpitter lill-Profeta Isaija b'dirgħajh il-leminija mgħollija 'l fuq lejn ix-xena tan-Nativita` bħallikieku biex juri r-rabta tal-profezija tiegħu mat-twelid tal-Messija.

Ta' min jgħid li l-lunetti ma tpittrux f'ordni



*Il-lunetta taż-"Żjara tas-Slaten Maġi ...*



*... l-"Qawmien mill-mewt ta' bint l-Armla ta' Najm"*



*Il-lunetta tad-"dħul ta' Ġesù f'Ġerusalemm"*

kronoloġika. Sa tmiem is-sena 1901, kienu diġa' tlestew erba' lunetti, jiġifieri dawk tat-twelid ta' Kristu, l-adorazzjoni tal-maġi, d-daħla ta' Kristu f'Ġerusalemm u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, flimkien mal-figuri rispettivi tal-profeti Isaija, David, Żakkarija u Sofonija. Wara tpittru x-xeni tat-tfajjel Ġesu' jiddisputa mad-dutturi, u ta' Kristu jippriedka, mdawwar mill-appostli, flimkien mal-profeti Ġoel u Ġeremija. L-aħħar żewġ lunetti mpittra fis-sena 1903 kienu 'Il-ħasil ta' riġlejn Ġesu' minn Marija ta' Magdala' u 'L-qawmien mill-mewt ta' bin l-armla ta' Najm', flimkien mal-profeti Salamun u Eżekjel.

F'dawn ix-xogħlijiet, jispikkaw il-varjetà u l-vivaċità tal-kuluri, tant tipiċi ta' Calì, kif ukoll l-attenzjoni għal dettalji żgħar, kultant ħelwin, bħal nghidu aħna l-preżenza ta' martell maġenb il-mastrudaxxa Ġużeppi fil-pittura tan-Natività. Kien kapaċi jħallat is-Simboliżmu mar-Realiżmu, u jagħġen dawn it-tnejn ma' element ta' Idealiżmu. Dawn l-elementi kollha, flimkien mal-versatilità tiegħu u l-ħeffa li biha kien ipitter, u li minħabba fiha tlaqqam "ix-xitan tal-pinzell" (mill-pittur kompetitur Injazju Cortis) jirriflettu l-ġenju artistiku tal-pittur.

Fil-figura ta' nagħġa b'girlanda ta' ward abjad u aħmar madwar għonqha, l-kritiku ta' l-arti Gerard Bugeja jilmaħ simbolu tal-Feddej, is-Sultan tal-Lhud, li kellu jiġi nkurunat b'kuruna oħra, din id-darba tax-xewk, tlieta u tletin sena wara. Nazzarda ngħid li dik in-nagħġa tissimbolizza dak 'il-Ħaruf tassew li neħħa d-dnubiet tad-dinja', billi ta ħajtu 'b'fidwa għall-kotra'.

It-temp fix-xena tan-Natività jidher mhux daqstant xitwi. Is-sema ċar, u l-kmiem imxammra tar-rgħajja jagħtuna din l-impressjoni. Jispikka l-istagħġib u l-ħeffa mħeġġa ta' dawn in-nies sempliċi, iżda ġenerużi. Wieħed jintlaqat mill-figura siekta 'tar-raġel ġust', Ġużeppi, u l-enfasi fuq l-istint matern tal-mara, fil wiċċ hieni u fl-istess ħin devot tal-Verġni Marija, kif ukoll fil-figura ta' omm tqila, b'tifel imfarfar ma' djulha u tarbija ċkejkna fuq spallitha l-leminija.

Wieħed jista' jgħid li l-pittura ta' l-artist titkellem waħidha. Il-ħeġġa tat-tfajjel Ġesu' hu u jiddisputa mad-dutturi, l-istagħġib ta' dawn l-istudjużi ta' l-iskrittura, u s-sabar tal-ġenituri tat-tifel fl-isfond tal-pittura, joħorġu fil-beraħ meta wieħed jifli mill-qrib it-tielet lunetta, bejn l-artali taċ-Ċintura u dak ta' San Pawl. Bl-istess mod, id-dirgħajn miftuħa ta' Kristu, wieqaf f'nofs l-appostli jirrijaffermaw il-missjoni tiegħu fuq l-art - li jippriedka u jwaqqaf saltna ġdida fost il-bnedmin. Wieħed jista' jfittex paralelliżmu bejn dawk id-dirgħajn miftuħa ta' Kristu f'din il-lunetta, u dawk tas-Salvatur fuq il-għuda tal-fidwa, fejn Kristu laħaq il-qofol tal-missjoni Messjanika tiegħu.

Fil-lunetta li tirrappreżenta d-dħul tiegħu f'Ġerusalemm, Kristu jidher seren iżda ħosbien, donnu jġib quddiem għajnejh l-ipokrisija tagħna. Fl-għajjat ferħan ta' "Osanna!", donnu diġa` qiegħed jisma' dik it-twerżiqa mimlija rabja ta' "Sallbu! Sallbu!". Dak il-palm fl-idejn mgħollija u l-fjuri mxerred ma' l-art kellu jinbidel max-xewk, mas-swat, ma' l-imsiemer u l-ħall, ma' lanza li tinfidlu ġenbu biex joħroġ 'demm u ilma'.

Il-pittura tal-qawmien mill-mewt ta' l-Iben t'Alla hija waħda dinamika għall-aħħar. Wieħed jintlaqat mill-qawwa tal-Feddej, igglorifikat u rebbieħ, assistit mill-anġli, fost l-istagħġib, il-fixla jew aħjar il-biża' ta' l-għases. Kristu jidher liebes ilbies abjad itir maż-żiffa, imdawwal bid-dija u jistrieħ fuq sħaba. Bla dubju din il-pittura hija għeluq ferm trijonfali għaċ-ċiklu kollu. Tirrijafferma l-importanza ta' din il-ġrajja, li hija l-qofol tal-fidi Nisranija.



*Il-lunetta tal-"Ħasil ta' riġlejn Ġesù minn Marija ta' Magdala" ...*



*... u ta' "Ġesù jiddisputi mad-dutturi fit-Tempju"*



*Il-lunetta ta' "Ġesù jibgħat l-Appostli jxandru l-kelma tiegħu"*

## Il-Profeti

Kritiċi ta' l-arti sagra Maltija jgħoddu l-figuri tat-tmien profeti ma' l-aqwa xogħlijiet tiegħu ta' kull żmien.[3] Jinsabu fil-parti t'isfel ta' kull lunetta bil-qegħda bejn żewġ puttini, iżolati waħidhom iżda xorta waħda jħallu impatt qawwi fuq min iħares lejhom. Gerard Bugeja jilmaħ xebħ bejn dawn il-figuri, maqtugħin waħidhom kif inhuma, u l-profeti li pinġa Michelangelo fil-Kappella Sistina. Mill-ġdid, jispikka s-simboliżmu tal-pittur. Il-profeti fi żmienhom spiss ġew iżolati mill-poplu tagħhom minħabba fit-twissijiet u l-fehmiet tagħhom li spiss laqtuh fil-laħam il-ħaj. Iżda f'dawn il-mumenti kienu jispikkaw bħala nies straordinarji, il-mibgħutin jew aħjar il-ħabbara ta' Alla. Id-dettall fil-paneġġi, l-għażla sabiħa ta' kuluri, u l-użu effettiv tad-dell, mill-ġdid ifakkruna fit-talent ta' dan il-pittur Malti. Ġoel jidher ħosbien; Sofonija jippriedka mimli ħeġġa għall-indiema. Tistħajlu qiegħed jitkellem:

"Fittxu l-Mulej lkoll
intom, l-umli ta' l-art,
li tagħmlu ordnijietu;
fittxu l-ġustizzja, fittxu l-umiltà." (*Sof 1,13*)

Żakkarija donnu qiegħed ifakkarna li kien hu li bassar id-daħla ta' Kristu f'Ġerusalemm aktar minn ħames mitt sena qabel ma seħħet din il-ġrajja:

"Ifraħ kemm tiflaħ bint Sijon:
għajjat bil-ferħ bint Ġerusalemm!
ara, s-sultan tiegħek ġej għandek;
ġust u rebbieħ
umli u riekeb fuq ħmar,
fuq felu ta' ħmara." (*Żak 9,9*)

Il-profeta David narawh b'ħarstu 'l fuq, donnu lejn it-Tarbija ta' Betlehem, "Bin il-Għoli", wild minn nislu, Sultan ieħor, iżda fl-istess ħin differenti, għax Wild u Sultan Divin.

## Proġetti, Saram u Ħolm

L-artist Giuseppe Calì tħallas mitejn lira għax-xogħol li wettaq fit-tmien lunetti tar-Rotunda. Bħala tifkira tar-rabta ta' dan il-proġett ma' l-arċipriet Xuereb, l-arma tal-familja Xuereb tpittret fil-parti t'isfel tal-pittura li tirrappreżenta lil Kristu Rxoxt, l-aħħar lunetta taċ-ċiklu.

Jidher li minkejja x-xogħol estensiv li kien daħal għalih fi żmien relattivament qasir, Calì xorta waħda baqa' jwettaq xi xogħol għal imkejjen oħra. Fl-1902 pitter il-kwadru titulari tal-martirju ta' San Bartilmew għall-Knisja parrokkjali tal-Għargħur. Dan minbarra impenji oħra bħala għalliem ta' l-arti.

Minkejja s-suċċessi tiegħu ġewwa l-Mosta, u nistgħu ngħidu f'kull biċċa xogħol li daħal għaliha, is-saram ma naqasx. Jingħad illi, waqt wieħed mill-vjaġġi tiegħu bejn Ħal Lija u l-Mosta, Calì safa' vittma ta' xi ħallelin li serqulu l-arloġġ tad-deheb, u xi flus. Għal xi żmien, beda saħansitra jaħsibha għandux ikompli bix-xogħol tiegħu fuq il-lunetti tar-Rotunda. B'xorti tajba, jidher li bidel fehmtu. Aktar minn hekk, xtaq ipitter l-ispazju bejn it-twieqi tat-tanbur, proġett li baqa' qatt ma twettaq sal-ġurnata tal-lum. Donnu li Calì xejn ma kien jaqtagħlu qalbu, anqas il-koppla maestuża, sa issa mhux dekorata, ta' Grognet. Tħajjar jiddekoraha, billi jpitter rappreżentazzjoni tal-Ġudizzju Universali, bil-Ġenna, l-Infern u l-Purgatorju. Kienet tkun waħda mill-akbar biċċiet ta' l-arti li qatt tpittru fl-istorja. Kif nafu, dan il-proġett baqa' ma sarx kif xtaq Calì. Minflok, il-koppla ġiet skolpita b'disinn stuped ta' ružuni u kwadretti ndurati, skond skema li kien ħoloq Grognet innifsu.

## Il-Miraklu tal-Bomba

April tas-sena 1942 jibqa' mfakkar bħala l-eħrex xahar fl-istorja tat-Tieni Gwerra Dinjija f'pajjiżna. Bħala gżira u kolonja Ingliża fiċ-ċentru ta' battalja qalila, Malta sofriet bil-kbir. L-għadu fittex li jolqot lill-poplu fil-laħam il-ħaj. Fittex li jeqred dak li lilna, għad li poplu żgħir, kien jagħmilna ġens u jagħtina identità. Huwa f'dan il-kuntest li wieħed għandu jikkunsidra l-attakk faħxi fuq ir-Rotunda nhar il-Ħamis, 9 t'April 1942. Dak in-nhar stess, kienu diġa' ġġarrfu l-knejjes ta' Ħal Luqa u l-Imqabba u dik ta' Ħal Kirkop sofriet xi ħsarat bi splużjoni ta' bomba.

B'xorti tajba, il-lunetti ta' Calì bħar-Rotunda nnifisha, baqgħu weqfin sal-lum. Waħda minnhom, dik b'rappreżentazzjoni ta' Kristu jippriedka mdawwar mill-appostli sofriet xi ħsarat meta, madwar il-ħamsa nieqes għoxrin minuta ta' wara nofsinhar bomba SC 500 Ġermaniża nifdet ħxuna ta' erba' piedi fil-koppla, ħabtet ma' wiċċ Kristu u mal-gwarniċa mimduda tal-lunetta msemmija, u malli waslet fuq il-qiegħa ta' l-irħam, bdiet titgerbeb lejn il-pulptu, bil-mod il-mod, sakemm straħet quddiem it-tnax-il stazzjon tal-Via Sagra. Baqgħet ma splodietx! Donnu li dawk id-dirgħajn miftuħa tas-Salvatur riedu jħarsu lit-tempju tiegħu u lill-fidili miġburin madwaru ħaj fl-Ewkaristija! Għad li msewwija, il-ħsara kkaġunata dak in-nhar għadha tidher sal-ġurnata tal-lum, xhieda dejjiema tal-qilla tan-

Nażiżmu, tal-kobor tal-Providenza Divin, u tal-Protezzjoni Materna tal-Verġni Assunta.

## Għeluq

Għalkemm għadda madwar seklu mill-konklużjoni tal-proġett tal-lunetti, dawn ix-xogħlijiet ta' l-arti baqgħu u jibqgħu jpaxxu ġenerazzjonijiet ta' Maltin u barranin li jżuru lir-Rotunda bl-eluf kull sena. Ġew riprodotti fuq kotba u kartolini. Saħansitra, rabtu isimhom mal-qasam tal-filatelija, meta fl-1992, fuq disinn ta' Lawrence Buttigieg, ix-xeni tan-Nativitá, l-Adorazzjoni tal-Maġi u tat-tfajjel Ġesu' jiddisputa mad-dutturi ġew riprodotti fuq sett ta' bolol tal-Milied. Ħasra li fil-għoli fejn jinsabu, f'maqdes fejn l-għajn għandha wisq fejn timraħ, qajla wieħed jiflihom fid-dettal kif jixirqilhom.

Giuseppe Calì ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar is-Sibt, 01 ta' Marzu 1930, fl-għaxra ta' bil-lejl, fl-età ta' 84 sena u assistit mill-kappillan tal-Parroċċa ta' Portu Salvu. Kien Sibt il-Karnival. Indifen jumejn wara fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Kif qalu l-gazzetti dakinhar li ħabbru l-mewt tiegħu, Malta kienet sofriet telfa kbira. Minkejja li ftit li xejn kien magħruf barra minn xtutna, Calì ħalla impatt kbir fuq l-arti Maltija ta' żmienu u ta' warajh. Bla dubju, iddomina d-dekorazzjoni tal-knejjes fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u l-ewwel snin tas-seklu għoxrin. Tabilħaqq, b'aktar minn sitt mitt xogħol f'medja differenti, Giuseppe Calì kabbar u żejjen mhux ftit il-patrimonju artistiku imprezzabbli ta' dawn il-gżejjer. Kien tassew wild denju ta' "Din l-Art Ħelwa, l-Omm li tatna Isimha".

**Noti:**

1. Dawn jinkludu 'Il-Mewt ta' Santu Wistin', 'Il-Predikazzjoni ta' San Duminku', 'Il-Viżjoni ta' Santa Monika', 'It-Tħabbira ta' l-Anġlu', u 'Sta Katerina ta' Siena'.
2. Qablu, l-pittur Mattia Preti kien ukoll pitter it-twelid, ħajja u l-martirju ta' Ġwanni l-Battista, Prekursur tal-Feddej, fis-saqaf tal-Knisja Konvertwali ta' San Ġwann, dirett fuq il-ġebla b'żebgħa taż-żejt bejn is-snin 1661 u 1666.
3. Fost xogħlijiet kbar oħra tal-pittur insibu 'l-Glorja ta' San Franġisk', u 'l-Mewt ta' San Franġisk' (Knisja Franġiskani fil-Belt Valletta), 'San Duminku' fil-Knisja tal-Portu Salvu, Valletta, 'San Ġilormu' u 'San Lawrenz' fil-Knisja tas-Sacro Cuor, tas-Sliema.

**Riferenzi:**


- *Tifkira Għażiża tas-Saċ. Dun Anġ Camilleri (1927)*
- *Gerard Bugeja: The Rotunda and its Artistic Treasures: Mosta The Heart of Malta (Midsea Publications/Vassallo Builders Group, 1996)*
- *Emmanuel Fiorentino, Louis A. Grasso: Giuseppe Calì 1846-1930 (Said International Ltd, 1991)*
- *Anthony Camilleri: Il-Ħbit mill-Ajru fuq ir-Rotunda tal-Mosta (Pubblikazzjoni tal-Gazzetta l-Mosta, 1992)*
- *Mario Buhagiar: Il-Pittura f'Malta u l-Identità Nazzjonali: Kungress Nazzjonali, l-Identità Kulturali ta' Malta (Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1989)*





Dolcezza

Dolceria
Cafeteria

Fully Air Conditioned

We wish all clients
a Happy Feast

*CATERERS
FOR ALL
OCCASIONS*

172, Main Street,
Mosta
Tel: 430494, 414656